# PAPIET TAS-SEKLU 14

## PAPA KLEMENT VI ( 1342 - 1352)



Jinghad li Filippu baghat ambaxxata gewwa Avignon biex jassigura l-elezzjoni tal-favorit tieghu Pierre Roger bhala Papa successor ta' Benedittu XII. Meta waslet, l-ambaxxata sabet li kien diga' intghazel papa Pierre Roger, li ha l-isem ta' Klement VI. Twieled hdejn Limoges fis-sena 1291 mill-familja nobbli tal-konti ta' Beaufort. Meta kellu ghaxar snin dahal fil-monasteru tal-Benedittini ta' La Chaise Dieu. Kien bniedem intelligenti u studja gewwa Parigi u ddistingwa ruhu bhala teologu. Minn superjur tal-Benedittini lahaq isqof, arcisqof u anke kardinal. Ir-re kien japprezzah hafna ghall-hiliet kbar tieghu u hatru wkoll kancillier.

Klement VI, bhal Benedittu XII kien patri: imma waqt li Benedittu baqa' jghix ta' religjuz u jhares r-regola ta' l-ordni

tieghu, Klement tbiddel fi princep u kien ixerred hafna u hafna favuri. Kawza ta' hekk hafna marru Avignon biex japprofettaw ruhhom. Il-palazz mibni fil-faqar minn Benedittu gie mibdul minn Klement f'abitazzjoni mill-isbah. L-abbuzi li kienu mqaccta minn Benedittu regghu ghollew rashom u hadu spinta 'l quddiem. Il-hela ta' Klement laqtet fil-laham il-haj il-finanzi tal-qorti papali. Mhux ghax Klement kien xi bniedem hazin, imma l-qorti tieghu kienet tidwi bil-muzika u d-daqq tat-trombi u bil-loghob.

Fi zmien Klement Ruma rat il-qawmien u l-waqa ta' Cola de Rienzi. Ghal l-ewwel Klement halla lit-Tribun jmexxi lir-Ruma. Imma meta Rienzi tbieghed mis-sens komun, il-Papa irtira l-ghajnuna tieghu u t-tmexxija ta' Rienzi waqghet u kkollassat. U flok ma Klement mar Ruma aktar issoda fil-fehma tieghu li joqghod gewwa Avignon billi xtara t-territorju minghand Joanna, Regina ta' Napli u kontessa ta' Provence. Imma madankollu qabel mat-talba tar-Rumani li s-Sena Mqaddsa ghandha tkun celebrata kull hamsin sena.

Klement ghamel li seta' biex iwaqqaf il-gwerra bejn Franza u l-Ingilterra, izda kull ma sehhlu jaghmel kien li jirranga ghall-ftehim ta' waqfien ta' glied. Billi kien ixaqleb hafna lejn pajjizu, Franza, l-Istatut ta' Provisors kien illimita kemm seta' li l-papa jigbor flus mill- Ingilterra. Huwa ghamel li seta' biex johodha kontra t-Torok, izda l-armata li rnexxilu jorganizza kellha biss success limitat: naddaf l-arcipelagu mill-pirati torok. Ipprova rressaq lejn l-ghaqda l-Griegi u l-Armeni mal-Kattolici.

Meta l-pesta faqqet fl-Ewropa, Klement ta xiehda li taht l-ilbies rikk tieghu kienet thabbat qalb ta' veru vigarju ta' Kristu. Din il-marda maghrufa fl-istorja bhala l-Mewt is-Sewda, xterdet fi Franza fis-sena 1348 u ghamlet herba kbira. Avignon kienet milquta sew, imma l-Papa baqa' hemm. Ha mizuri temporali u spiritwali biex kemm jista' jkun jikkontrolla l-marda u jgholli l–moral. Bdiet tigri x-xniegha li kienu l-lhud li vvelenaw il-bjar ta' l-ilma. Fil-Germanja bdiet persekuzzjoni kontra taghhom. Klement indahal ghalihom u kien jiskomunika lil dawk li kienu jattakawhom u fetah l-istati papali biex il-lhud isibu refugju fihom.

Klement VI miet pjuttost f'daqqa fis-6 ta' Dicembru tas-sena 1352. Santa Brigita ta' lIsvezja, mistika maghrufa, tkellmet severament kontra l-Papa minhabba n-nuqqasijiet tieghu, imma emmnet li bil-karita' tieghu kellu jsalva.